MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 138/2007

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta’ Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-fatti hawn taħt iddikjarati tafhom hi personalment.

2. Illi hija żżewġet lill-intimat fil-25 ta’ Ottubru, 1987 (ċertifikat taż-żwieġ anness – Dok A).

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt notarili fl-24 ta' Jannar tas-sena 2000.

4. Illi dan iż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Ottubru, 1987 huwa null u bla effett peress illi l-kunsens ta' l-intimat għall-istess żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

5. Illi dan iż-żwieġ huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa.

Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara:

1. illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ċelebrat fil-25 ta' Ottubru, 1987 huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament naqa li jippreżenta risposta u għalhekk huwa kontumaċi skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attriċi u ta' ommha Mary Aquilina.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1987 a bażi ta' l-Artiklu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut kif ġia' ingħad, huwa kontumaċi u naqas li jressaq provi. Naturalment, kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi*

*huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni, iżda wisq iktar f'każ fejn il-konvenut huwa kontumaċi billi skond l-ordinament ġuridiku tagħna l-kontumaċja hija kontestazzjoni.

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardjaw (għalkemm mhux indikati espressament);

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – kunsens miksub bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew element essenzjali tiegħu;

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li tressqu li huma verosimili l-verżjoni ta' l-attriċi u ta' ommha u cioe' li l-attriċi ġiet indotta tiżżewweġ ta' eta' żgħira minħabba dak li hija ssejjaħ programmazzjoni li kellha toqgħod għaliha f'darha meta kienet xebba. Ġara pero' li kien każ li wieħed jinxteħet mit-taġen għal ġon-nar għaliex sa mill-bidu taż-żwieġ il-konvenut trattaha ħażin u wieħed anzi jistagħġeb kif stenniet u kellha tlett itfal biex iddeċidiet li ma setgħetx tissaporti iżjed u l-partijiet isseparaw fis-sena 2000. Mid-

deskrizzjoni ta’ l-attriċi li mhux se jiġu ripetuti fis-sentenza biex sakemm possibbli tiġi rispettata ċerta privatezza purke f’sentenza pubblika, jidher ċar li jirriżultaw l-estremi tas-sub-inċiż (d) imsemmi.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fil-25 ta’ Ottubru, 1987. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------